**12 ta' Lulju, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

L-Avukat Dottor Victor E. Ragonesi ne

*versus*

Alfred Mizzi ne.

**Konsenja ta' Merkanzija — Polizza ta' Karigu — Nuqqas ta' — Garanzija flok Dokumenti**

*Vettur jagħti l-konsenja tal-merkanzija lil minn jippresenta ruħu sfornit mit-titoli. b'garanzija li jiġi rilevat minn kull responsabilita talli jkun ikkonsenja dik il-merċi mingħajr il-presentazzjoni u l-konsenja tal-polizza ta' karigu. garanzija li tiġi lilu mogħtija mir-riċevitur b'fidejussjoni ta' Banka. Xi tfisser dik il-garanzija.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta li fid-dsatax ta' Ottubru, 1955, waslet Malta fuq

il-vapur "Ichnusa" partita ġews spedita mid-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" ta' Catania u diretta lid-ditta "Alf. Mizzi & Sons" li kienet ordnata, u li peress li d-dokumenti relativi ma kienux waslu, id-ditta "Alf. Mizzi & Sons", biex tkun tista' tirtira l-imsemmija merkanzija, għamlet garanzija avallata mill-Bank "B. Tagliaferro & Sons" a favur tad-ditta attriċi, li biha obbligat ruħha, inter alia, li tindennizza lill-istess ditta attriċi għal qualsiasi pretensjoni, danni u spejjeż li dina tista' tinkorri minħabba l-konsenja tal-merkanzija mingħajr dokumenti, u li in konsiderazzjoni ta' din il-garanzija d-ditta konvenuta rtirat l-imsemmija merkanzija, u li l-istess ditta konvenuta, meta waslu d-dokumenti relativi Malta, irrifjutat li tirtirhom u tikkonsenjahom lid-ditta attriċi kif kienet obbligat ruħha li tagħmel, u, kuntrarjament għall-kontenut tal-obbligazzjoni minnha assunta bl-imsemmija garanzija, iddepositat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti l-prezz ta' l-istess merkanzija, bil-kondizzjoni li s-somma kienet tista' tiġi sbankata mill-aġent lokali tad-ditta attriċi kemm il-darba dana jikkonsenja l-garanzija fuq indikata, u li d-ditta attriċi ġiet kundannata mill-Qorti ta' Napli li tħallas lid-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" is-somma ta' miljun, mitejn, sebgħa u erbgħin elf, ħames mija tmienja u ħamsin lira taljan (Lit. 1,247,558), u wieħed u tletin elf sebgħa mija ħamsa u sebgħin lira taljani (Lit. 31,775) spejjeż, kif ukoll spejjeż oħra kif jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-kawża minħabba l-fatt li l-merkanzija ġiet hawn Malta konsenjata mingħajr il-presentazzjoni tad-dokumenti da parti tad-ditta konvenuta, u li d-ditta attriċi, minħabba l-mankata konsenja lilha tad-dokumenti da parti tad-ditta konvenuta kif intqal fuq sofriet danni oħra kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u li l-istess ditta konvenuta bil-garanzija fuq indikata obbligat ruħha li tindennizza lid-ditta attriċi għal kull danni li dina setgħat issofri bħala konsegwenza tal-konsenja tal-merkanzija mingħajr dokumenti

— premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, okkorrendo dik li d-ditta konvenuta ddepositat il-prezz tal-merkanzija f'din il-Qorti kuntrarjament għall-obbligi assunti bil fuq ċitata garanzija, u mogħtija l-provvedimenti opportuni — talab illi: 1) l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti mid-ditta attriċi sija a termini tal-garanzija fuq indikata kemm imħabba inadempjenza tal-obbligi assunti bl-istess garanzija; (2) illi jiġu likwidati dawn id-danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi; (3) illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lid-ditta attriċi d-danni hekk likwidati: bl-interessi kumerċjali u bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha ssottometta illi d-domandi għandhom jiġu miċħuda billi kull ma ġara kien dovut għal aġent lokali tad-ditta attriċi kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fis-sittax ta' **Marzu, 1965**, li biha ġie deċiż skond l-ewwel talba u ġie riżervat il-provvediment fuq it-talbiet l-oħra wara li jkunu ġew eżawriti l-provi dwar l-ammont tad-danni subiti mill-attur "nomine" u l-ispejjeż ġew riservati għas-sentenza finali — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

. . . OMISSIS . . .

Rat in-nota ta' l-appell tad-ditta konvenuta u l-petizzjoni tagħha, li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talbiet attriċi jiġu miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-ditta attriċi.

Rat ir-risposta tad-ditta attriċi li ssottometiet illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża u dawk tal-kawżi li għalihom saret riferenza.

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:—

L-elementi ta' fatt li taw lok għal kawża u li għandhom x'jaqsmu magħha huma fil-qosor dawn:— Id-ditta appellanti ordnat mitejn xkora ta' ħamsa u għoxrin kilos il-waħda "bleached Walnuts" lid-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" ta' Catania bil-prezz ta' ħames mija u ħamsa u sebgħin lira. Meta l-merċi waslet f'Malta fuq il-bastiment "Ichnusa" fid-dsatax ta' Ottubru, 1955, id-dokumenti kienu għadhom ma waslux u l-merċi ġiet ritirata mid-ditta appellanti bil-garanzija fit-termini riżultanti mid-dokumenti fil-fol. 5 tal-proċess. Meta fl-istess ġurnata waslu d-dokumenti d-ditta appellanti ma ħalsitx it-tratta u kwindi ma rtirathomx għaliex, kif irriżulta mill-atti tal-kawża "Mizzi — Dr. Camilleri nomine", deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-tmienja u għoxrin ta' Ġunju, 1956, ippretendiet li l-ġews ma kienx "bleached" u kien żejjni u kwantita minnu kienet ħażina. Fis-sitta u għoxrin ta' Ottubru, 1955, il-banka Scicluna, għand min kienu waslu d-dokumenti, irċeviet telegramm mill-Banca Commerciale Italiana ta' Catania li bih ġiet mitluba tgħid jekk l-incass kienx ġie effetwat u l-Banca Scicluna irrispondiet fl-istess ġurnata fis-sens li ma kienx ġie effettwat għaliex id-ditta appellata kienet tirritieni li l-merċi ma kienetx tal-kwalita pattwita. Fit-tmienja u għoxrin ta' Ottubru, 1955, l-imsemmija Banca Commerciale Italiana ttelegrafat lill-Banca Scicluna biex tibgħatilha lura d-dokumenti u dawn ġew mibgħuta lura l-għada. Id-ditta appellanti daħlet fi trattativi mad-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" biex tara jistgħux jaslu f'xi arranġjament dwar l-imsemmja pretensjoni tagħha, imma inutilment, u allura fit-tlieta ta' Diċembru, 1955,

istitwit kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ kontra l-imsemmija ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" biex dina tiġi kundanata tħallas lilha l-ammont li jiġi likwidat bħala rappreżentanti r-riduzzjoni tal-prezz li għaliha l-istess ditta appelanti ppretendiet li kellha d-dritt talli l-merċi ma kienetx waslet skond l-ordni u kienet inoltri in parti ħażina. Qabel, pero, kif jirriżulta mid-deposizzjoni ta' Albert Mizzi, id-ditta appellanti offriet li pagament tal-prezz lil aġent f'Malta tad-ditta appellata purche jirrinunzja għall- (jgħatiha lura) l-imsemmija garanzija (ċirkostanza negata mill-iskrivan ta' dan l-aġent), u peress li l-aġent tad-ditta appellat ma ridtx jirrinunzja għal garanzija d-ditta appellanti għaddiet għad-depożitu tal-prezz taħt l-awtorita tal-Qorti. Qabel pero kienet ottieniet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru f'idejn l-aġent tad-ditta appellata in kawtela ta' l-imsemmija pretensjoni tagħha dedotta bil-kawża fuq indikata. Din il-kawża ġiet deċiża b'sentenza tat-tmienja u għoxrin ta' Ġunju, 1956, li biha ġie dikjarat u deċiż illi d-ditta appellanti kellha d-dritt għar-riduzzjoni tal-ħamsa u tletin fil-mija fil-prezz tal-merċi fuq riferita u d-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" ġiet kundannata tħallas lid-ditta appellanti s-somma ta' wieħed u mitejn lira u ħames xelini (£201.5.0), import ta' dik ir-riduzzjoni, bl-ispejjeż tal-kawża.

Intant id-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" ikkonveniet f'ġudizzju quddiem it-Tribunal ta' Napoli lid-ditta appellata għal kundanna tagħha biex tħallas il-valur tal-merkanzija in konformita mal polizza ta' kariku; tan-nota ta' fattura u taċ-cheque dokumentat; l-ispejjeż bankari u d-danni, u l-ispejjeż u l-kompetenzi tal-kawża. Bis-sentenza ta' l-imsemmi Tribunal, indikata fl-att ta' ċitazzjoni, id-ditta appellata ġiet ritenuta responsabbli lejn id-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" għar-risarċiment tad-danni konsistenti fil-prezz tal-merkanzija bl-interessi relativi; fir-rimbors ta'

lis-spejjeż korrisposti mil-bank postatriċi tad-dokumenti, u *fil-ħlas ta' l-ispejjeż* tal-ġudizzju, proprju kif jingħad fl-att ta' ċitazzjoni u kif jirriżulta mid-dokument "B" prodott ma dak l-istess att, u dan talli l-istess ditta appellata kkonsenjat il-merċi u tgħat lid-destinatarja ditta appellanti l-opportunita li teżaminaha qabel ma ġiet (id-ditta appellanti) fil-pussess tal-polizza ta' kariku.

Id-ditta appellata qegħda issa (bil-ġudizzju presenti) taġixxi kontra d-ditta appellanti biex iġġjala tħallsila l-flus li ġiet kundannata tħallas bl-imsemmija sentenza u dana b'titolu ta' *riżarċiment* ta' danni in forza tal-garanzija fuq rife- rita. Inveru kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-Kaptan li jikkonsenja l-merċi lil min ma jikkonsenjalux il-polizza ta' kariku jinkorri fir-responsabilita konsegwenti għall-inadempjenza kontrattwali tiegħu billi l-polizza ta' kariku hu d-dokument u l-prova tat-trasport li l-kaptan jobbliga ruħu jagħmel tal-merċi biex ikkonsenjaha *fil-post tad-destin lil min* ikollu d-dritt għaliha skond it-termini ta' l-istess polizza. Hu obbligat jirrestitwixxi l-merċi biss lil *min juri ruħu* possessur tat-titoli rappresentanti l-istess merċi billi l-funzjoni ta' dawn it-titoli hi appuntu dik li tattribwixxi lil possessur tagħhom id-dritt għal merċi ad esclusioni ta' oħrajn.

Billi fil-każ preżenti ssuċċeda dak li jsir fil-pratika, iġifieri illi *min jippreżenta* ruħu sfornit mit-titoli l-vettur jagħtih il-konsenja b'garanzija li jiġi rilevat min kull responsabilita talli jkun ikkonsenja l-merċi mingħajr il-presentazzjoni u l-konsenja tal-polizza ta' kariku, garanzija li tiġi lilu mogħtija mir-riċevitur b'fidejussjoni ta' banka, l-ewwel Qorti. ġia la darba d-ditta appellata sofriet l-imsemmi dannu riżultanti mill-imsemmija sentenza tat-Tribunal ta' Napoli *minħabba l-konsenja* da parti tagħha tal-merċi lid-ditta appellanti sfornita mil-polizza ta' kariku *relativa*, u *billi* kienet

soddisfatta li ma kienx hemm da parti ta' l-istess ditta appellata ebda qerq jew ħtija jew kollużżjoni mad-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo, żammet l-istess ditta appellanti responsabbli għad-danni fuq indikati in forza ta' l-imsemmija garanzija adesivament għall-ewwel talba avanzata mid-ditta appellata bl-odjern att ta' ċitazjoni.

Iċ-ċensura li ditta appellanti tagħmel lis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tikkonsisti fl-ilment illi ddeċidiet in basi għal garanzija mingħajr ma ħadet f'debita konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li — skond l-istess ditta appellanti — għandhom juru li l-garanzija ma ġietx miksura u dawn iċ-ċirkostanzi enumerati fil-petizzjoni u ripetuti u sviluppati fil-kors tat-trattazjoni orali ta' dana l-appell huma:

1. Li d-ditta appellanti ħalset il-prezz tal-merkanzija billi d-depożitu li għamlet ta' dak il-prezz taħt l-awtorita tal-Qorti għandu skond il-liġi jitqies li jiswa bħala ħlas għaliex preċedut min offerta valida u riferita da parti ta' l-aġent tad-ditta appellata li jirċevih.

2. Li ma setgħatx tikkonsenja l-polizza ta' kariku minħabba ċirkostanzi indipendenti mil-volonta u mil-kontrol tagħha billi l-istess polizza ta' kariku ġiet mil-Banka Sicluna mibgħuta lura in segwitu għall-istruzzjonijiet mogħtija mid-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo."

Inoltri d-ditta appellanti rrilevat — biss, kif iddikjarat. "għall-moralita tal-kawża" — li kienet ġuridikament assurda t-talba tad-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" quddiem it-Tribunal ta' Napoli għaliex dik id-ditta kienet taf li l-prezz lilha dovut kien ġie depożitat u kwindi legalment imħallas u anke għaliex kienet qegħda tikkontesta quddiem Qorti lokali kawża magħmula kontra tagħha mill-istess ditta appellanti dwar il-kwalita tal-merċi u kienet taf li ħadd ma setgħa jip-

preżenta ruħu bid-dokumenti għall-irtir tal-merċi billi l-istess dokumenti kienu f'idejha, b'liema ċirkostanzi ma kienetx ignara d-ditta appellata.

Huma pero manifestament infondati l-motivi kollha li bihom ġiet ċensurata s-sentenza apellata, u nveru.

Mhux l-ewwelnett eżatt dak lid-ditta appallanti rrilevat fissens li ma setgħatx tikkonsenja lill-aġent tad-ditta appellata l-polizza ta' kariku għaliex mibgħuta lura lil Banca Commerciale ta' Catania fuq istruzzjonijiet tad-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralong", u dan għaliex irriżulta, kif ġia aktar ilfuq ġie rilevat, illi dik il-polizza ta' kariku ġet mibgħuta lura għaxar tijiem wara li kienet waslet u dan għaliex id-ditta appellanti ma riedetx tħallas it-tratta' u tirtira l-istess polizza ta' kariku billi kienet ġa rat il-merċi u ppretendiet li ma kienetx tal-kwalita pattwita u in parti mhux tajba. Jekk kwindi d-ditta appellanti sabet ruħha l-quddiem fl-impossibilta li tikkonsenja l-polizza ta' kariku lid-ditta appellata, kif kien dover preċiż tagħha li tagħmel skond il-garanzija li tagħta, dana ssuċċeda għaliex riditu hija billi kienet hija stess li tagħt lok għalih, u lanqas ma tista' takkampa favur tagħha, billi tgħodda bħala ċirkostanza indipendenti mil-volonta tagħha l-ispedizzjoni tal-merċi f'kwalita mhux konformi għal dik pattwita, raġuni li għaliha ma ħalsitx u rtirat il-polizza ta' kariku u dan għaliex l-ewwelnett, ġia la darba l-pagament ġie pattwit "kontra dokumenti a prima presentazione" ma kelliex dritt teżamina l-merċi jekk mhux wara li tiġi fil-pussess tal-polizza ta' kariku, u, mbagħad, kif ġia ntqal, hi ggarantit lid-ditta appellata li tikkonsenjala l-polizza ta' kariku kif l-istess tkun ġiet f'idejha u dik il-polizza setgħat ġiet f'idejha f'kull mument bejn id-dsatax u t-tmienja u għoxrin ta' Ottubru, 1955, u inoltre ggarantitilha li tirrisarċila d-dannu li setgħat tbati, anke dak talvolta derivanti mill-fatt li minħabba l'inadempjenza da parti tad-ditta apppellata għall-

obbligi tagħha hija setgħet teżamina l-merċi dak li ma kellix id-dritt tagħmel jekk mhux wara li tkun ġiet fil-posses tal-polizza u dak li jimporta li jkun sar qabel il-ħlas tat-tratta; u lanqas, fl-aħħarnett, ma tista' tinvoka favur tagħha ċ-ċirkostanza li tidher li tirriżulta mill-korrispondenza, jiġifieri li hi talbet li l-polizza tarġa tiġi mibgħuta Malta imma d-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" rrifjutat taderixxi għall-istess talba, għaliex dan ir-rifjut da parti ta' l-imsemmija ditta venditriċi fiċ-ċirkostanzi lanqas ma jista' jiġi ritenut għal kollox inġustifikat billi d-ditta appellanti kienet imminaċċjat li tissekwestra l-prezz. Comunque f'dan l-aġir tal-imsemmija ditta venditriċi d-ditta appellata ma ndaħħlitx u ma għanda x'taqsam xejn miegħu u ma tistax kwindi minħabba fih titlef il-benefiċċji li jidderivawla mill-garanzija fuq riferita.

Kwantu għall-ewwel motiv ta' lment għandu jiġi l-ewwelnett rilevat illi l-aġent tad-ditta appellata (jekk tabilħaqq, kif ġie ritenut mill-ewwel Qorti, ġie lilu offert il-ħlas tal-prezz tal-merċi u hu rrifjuta jaċċettah għax ma ġiex lilu konsentit li jżomm il-garanzija) kien għal kollox ġustifikat li ma jtellifx il-garanzija jekk ma tiġix lilu konsenjata il-polizza ta' kariku l'għaliex l'obbligazzjoni li huwa ma kienx adempixxa, bil-konsegwenzi relativi (li kellu jeħles u jinżamm minnhom indenni b'dik il-garanzija) kienet appuntu dik li kkonsenja l-merċi mingħajr ma rtira l-polizza ta' kariku li d-ditta appellanti obbligat ruħha tikkonsenjalu malli tirċeviha u kif ġja ngħad dik il-polizza waslet f'Malta u damet ġranet għad-disposizzjoni tad-ditta appellanti u meta dina offriet il-pagament tal-prezz kienet ġja ddikjarat li ma ridetx tirtiraha, dak li jmissa għamlet skond il-garanzija li tgħat lid-ditta appellata u għalhekk anke b'dana biss dik il-garanzija ġiet minnha miksura.

Inoltri, kif ġa ġie rilevat, id-dmir tad-ditta appellata ma kienx dak li tirċevi l-ħlas tal-prezz tal-merċi, u kwindi ma

jistax jinghad li kellha s-setgħa li tirċevi l-ħlas għal kreditur u allura d-ditta appellanti lanqas ma tista' tippretendi illi l'offerta kienet valida, u, inoltri, l-esistenza ta' l-imsemmi sekwestru f'idejn l'aġent tad-ditta appellata kienet tikkostitwixxi raġuni biżżejjed tajba biex fiċ-ċirkostanzi dana jirrifjuta li jirċevi l-pagament bir-rinunzja għal-garanzija.

Imma anke jekk id-depożitu sar sewwa u jitqies bħala ħlas dina ċ-ċirkostanza fil-kawża presenti ma jista' jkollha l-ebda rilevanza: kien ikollha kieku, fil-waqt li d-ditta appellata setgħat teħles mil-kundanna tat-Tribunal ta' Napoli minħabba dak il-ħlas ma ħelsitx minnha b'qerq jew ħtija tagħha, imma dana bl-ebda mod ma ġie pruvat li ssuċċeda; anzi mis-sentenza ta' dak it-Tribunal jirriżulta l-kuntrarju għaliex jirriżulta li d-ditta appellata ġiebet a konjizzjoni ta' dak it-Tribunal li d-ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" ġie mill-Qorti tal-Kummerċ tagħna kundannat bis-sentenza fuq ċitata jħallas lid-ditta appellanti l-import ta' wieħed u mitejn lira u ħames xelini (£201.5.0), u li dina d-ditta appellanti in segwitu għamlet b'ċitazjoni tajba biex tiġi awtorizzata tirtira mid-depożitu s-somma ta' mitejn u sitta u disgħin lira erbatax-il-xelin u ħames soldi (£296.14.5) bħala sorte ta' danni u spejjeż ġjudizzarji determinati bl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tagħna, u jista' jiżdied li talbet ukoll il-chiamata fil-kawża (in garanzija) quddiem it-Tribunal ta' Napoli tad-ditta appellanti li pero baqgħet contumaċi.

Lanqas kwindi ma huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-odjerna kontroversja r-rilievi lid-ditta appellanti għamlet kif qalet "għal moralita tal-kawża" u dak ir-riliev l-ieħor li għamlet fit-trattazjoni orali ta' l-appell fis-sens illi jekk hija tiġi kundannata tħallas lid-ditta appellata s-somma li dina ġiet kundnnata tħallas lid-ditta "Giuseppa d'Arrigo Tiralongo" mit-Tribunal ta' Napoli tkun qegħda tiġi tħallas lill-istess "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" il-prezz intier tal-merċi fil-

waqt li bis-sentenza riferita tal-Qorti tal-Kummerċ tagħna dak il-prezz għandu jiġi ridott bis-somma li aktar il-fuq ġiet indikata u noltri tiġi tbati hija l-ispejjeż determinati kontra Giuseppe d'Arrigo Tiralongo b'din is-sentenza, — u dan għaliex dawn iċ-ċirkostanzi kollha rilevati jirriflettu esklusivament lil imsemmija ditta "Giuseppe d'Arrigo Tiralongo" u magħhom xejn ma għandha x'taqsam id-ditta appellata billi mhumiex attribwiti għal xi ħtija tagħha.

In forza ta' l-imsemmija garanzija d-ditta appellata għandha d-dritt tesiġi r-risarċiment tad-danni konsegwenti mill-imsemmija sentenza tat-Tribunal ta' Napoli mingħand id-ditta appellanti li tat dik il-garanzija sabiex tista' tottjeni l-konsenja tal-merċi rregolarment mingħajr il-presentazzjoni (u konsenja) tal-polizza ta' kariku, ġia la darba, kif osservat l-ewwel Qorti, bl-ebda mod ma' jirriżulta illi d-ditta appellata ssubiet dik il-kundanna b'qerq jew ħtija da parti tagħha; al kuntrarju, kif ġia aktar il-fuq ġie rilevat, l-istess ditta appellata għamlet dak kollu li jidher li setgħa isir biex tevita dik il-kundanna u tat ukoll l-opportunita lid-ditta appellanti li tieħu parti f'dik l-kawża u tiddefendiha u tiddefendi wkoll lilha nnifsa.

Għal motivi premessi u għal dawk ta' l-ewwel Qorti.

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunċjata bl-ispejjeż kontra d-ditta appellanti u tibgħat lura l-attijiet lill-ewwel Qorti għal kontinwazzjoni tal-kawża.